Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D.

Seduta tal-10 ta' Dicembru 2015

Appell Nru: 88/2014

**Il-Pulizja**

**Spettur Anthony Agius**

**Vs**

**Raymond Cutajar**

Il-Qorti;

Dan huwa digriet dwar it-talba tal-appellant sabiex izid aggravju fir-rikors tal-appell tieghu;

Rat ir-rikors tal-appell ta' Raymond Cutajar intavolat fl-4 ta Marzu 2014 wara sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali moghtija fil-21 ta' Frar 2014;

Rat ir-rikors tal-appellant tat-13 t'Ottubru 2015 li permezz tieghu talab li jkun awtorizzat izid aggravju mar-rikors tal-appell tieghu, "aggravju dwar il-piena";

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali li permezz taghha oppona din it-talba;

Semghet lid-difensur tal-appellant u lill-Avukat Generali dwar din it-talba;

Ikkunsidrat:

Illi l-appellant rikorrenti, wara li intavola r-rikors tal-appell quddiem din il-Qorti fit-terminu stipulat mil-ligi, introduca b'mod sussegwenti rikors sabiex ikun awtorizzat izid aggravju addizjonali. R-raguni vantata mill-appellant ghal din it-talba hi li wara li kien inghata sentenza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u li dwarha intavola appell, ko-direttur fl-istess kumpanija li naqset milli tosserva obligi tal-ligi dwar it-taxxa inghata piena diversa minn dik tal-appellant odjern f'sentenza separata dwar l-istess mertu u ghalhekk xtaq iressaq dan bhala aggravju fl-appell pendenti quddiem din il-Qorti;

Illi l-artikolu 417 (1) tal-Kodici Kriminali Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta jipprovdi illi l-appell jingieb quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali b'rikors li ghandu jkun ipprezentat fi zmien tmint ijiem tax-xoghol li jibdew jghaddu, ghall-persuna misjuba hatja u ghall-kwerelant, mill-gurnata tas-sentenza definittiva. L-artikolu 419 (1) imbaghad jipprovdi li r-rikors ghandu jkun fih, taht piena ta' nullita', il-fatti fil-qosor, ir-ragunijiet tal-appell u t-talba ghat-thassir jew ghat-tibdil tas-sentenza. Issa, kif tajjeb rrileva l-Avukat Generali fir-risposta tieghu, it-talba ghal-zieda fl-aggravji saret ferm wara iz-zmien li l-appellant kellu ghad-disposizzjoni tieghu sabiex jintavola r-rikors, igifieri dawn it-tmient ijiem ravvizati fl-artikolu 417(1). L-appell quddiem din il-Qorti kien propost fl-4 ta' Marzu 2014 filwaqt illi r-rikors ghaz-zieda fl-aggravji, dak odjern, kien intavolat fit-13 t'Ottubru 2015. Il-Kodici Kriminali ma jipprovdix ghal dak li qed jitlob l-appellant u fil-fehma ta' din il-Qorti, akkoljiment tat-talba tieghu tista' titqies biss bhala estensjoni tat-terminu provdut mil-ligi u tali

estensjoni, almenu fic-cirkostanzi odjerni, ma tistax tkun prospettata wisq anqas milqugha.

Ghal dawn il-motivi, t-talba tal-appellant rikorrent kif postulata fir-rikors tieghu tat-13 ta' Ottubru 2015 qed tkun michuda.